# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Husein Tlas, Mohamed Tlas u Najoud Mohamed Tlas**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Husein Tlas, karta tal-identita Maltija numru 105027A, Mohamed Tlas, detentur tal-Asylum Seeker's Document Refcom no. 19116**, u **Najoud Mohamed Tlas, detentriċi tal-Asylum Seeker's Document Refcom no. 19116**, li permezz tagħha huma ġew mixlija talli nhar is-16 ta' Frar 2016, għall-ħabta ta' bejn is-13:00 u 13:15 fi Triq San Ġużepp u/jew 175, Triq San Ġużepp, Ħal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gżejjer (in suċċint) :

1. Ikkommettew ir-reat ta' attakk u reżistenza ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali;

2. Ikkommettew ir-reat ta' oltraġġ lil persuni inkarigati minn servizz pubbliku ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali;
3. Ikkommettew offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Uffiċjal Pubbliku ċjoe PS 691 J. Mula;

Husein Tlas u Mohamed Tlas ġew ukoll mixlija li :

4. Ikkaġunaw offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Demis Darmanin;
5. Li bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw biża li ser tintuża vjolenza fuq il-persuna ta' Demis Darmanin;
6. Li ħebbew għal Demis Darmanin sabiex jinġurjawh, idejquh jew jagħmlulu ħsara;
7. Li għamlu lil Demis Darmanin inġurji jew theddid, jew jekk provokati inġurjawh b'mod li ħarġu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
8. Li mingħajr ma darbu jew sawtu, heddew bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddbuhom jew qabdu armi kontra Demis Darmanin;

Husein Tlas waħdu :

9. Li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti

għamel ħsara jew ħassar jew għarraq nuċċali tax-xemx għad-detriment ta' PC817 G. D'Amato liema ħsara ma kienetx taqbeż il-mija u tletin euro (€130).

Husein Tlas, Najoud Mohamed Tlas u Mohamed Tlas ġew ukoll mixlija talli : -

10. M'obdewx ordnijiet leġittimi tal-awtorita jew ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku;
11. Li volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Demis Darmanin ai termini tal-Artikoli 383 u 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 35 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti tennew li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ, il-Qorti hija konvinta lil hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni li Demis Darmanin mar fir-residenza tal-imputati għas-sodisfazzjon. Dwar kif seħħet l-ewwel parti tal-inċident, din il-Qorti għandha l-verżjonijiet tal-imputati fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom u x-xiehda ta' Husein Tlas nonche dik ta' Demis Darmanin. Il-Qorti temmen li l-fatti kif żvolġew ruħhom f'din l-ewwel parti tal-inċident huma skont dak mistqarr mill-imputati fl-istqarrijiet tagħhom (relattivament għall-involviment ta' kull wieħed minnhom) u x-xiehda ta' Najoud Mohamed u Husein Tlas.

L-imputati kellhom jedd jiddefendu ruħhom mill-intrużjoni ta' Demis Darmanin fid-dar li kienu qegħdin jikru mingħand familt Darmanin, u li għal dak il-mument kienet tikkostitwixxi l-fond fejn jgħammru; iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-imputati eċċedew dawk il-limiti konsentiti għall-eżerċizzju ta' difiża leġittima. Wara li l-imputati rnexxielhom joħorġu l-barra minn darhom lil Demis Darmanin, huma komplew bl-azzjoni tagħhom kontrih billi Husein Tlas u Mohamed Tlas ħebbew għal Demis Darmanin kif ukoll ikkommettew imġieba li tikkostitwixxi theddida reali kontrih billi qabdu u heddewh b'oġġetti iebsin jew wadbuhom lejh. Il-Qorti hija wkoll konvinta li kkaġunaw offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Demis Darmanin. Mill-banda l-oħra ma tqisx li hemm ir-rekwiżiti suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat ta' biża li ser tintuża vjolenza fuq il-persuna ta' Demis Darmanin.

***Ikkunsidrat : -***

Aktar serju minn dan l-ewwel parti ta' dan l-inċident kien it-tieni parti tiegħu li kien jikkonċerna l-intervent tal-Pulizija wara li l-ewwel parti tal-inċident kienet bdiet tikkalma sew. Meta daħlu l-Pulizija fid-dar tal-imputati, l-argument bejn il-familja Tlas u Demis Darmanin kien laħaq ġie imqegħed taħt xi forma ta' kontroll. Iżda f'mument minnhom, kien hemm xrara oħra li reġgħet kebset in-nar. Il-Qorti temmen li f'xi mument reġgħa tfaċċa Demis Darmanin viċin tal-bieb tagħhom. Dan

joħroġ ukoll mill-istqarrija ta' Darmanin li jgħid li huwa setgħa josserva dak li kien qiegħed jiġri fir-residenza ta' Tlas.

Għalkemm il-Pulizija li xehdu ma jikkonfermawx dan il-fatt, huma jikkonfermaw li mument minnhom Najoud Mohamed Tlas bdiet taġixxi b'mod deskritt bħala isteriku, tgħajjat u tagħmel idejha viċin tal-Aġenti tal-Pulizija preżenti tant li PS1444 qal li huma kellhom iniżlulha jdejha. L-inċident eskala hekk kif l-imputati bdew jippruvaw joħorġu mid-dar, minkejja li fil-bieb kien hemm Pulizija posizzjonat biex ma joħorġux barra biex jiġi evitat li jerġa' jinqalgħa xi inċident ieħor. Ir-raġuni għaliex l-imputati reġgħu ippuntaw li joħorġu mir-residenza jidher li kienet dik li skattat it-tieni parti tal-inċident.

PS 1444 Kenneth Brignano, PS 691 Juan Mula, PC817 Gerry D'Amato u PC1472 Brian Grech iddeskrivew l-inċident b'mod li l-Qorti hija moralment konvinta li fl-istadju meta daħlu fir-residenza ta' Tlas (almenu stando ma dak mistqarr minn PS1444) il-Pulizija kienu bdew jippruvaw jifhmu x'ġara u ma ġarax – tant li Husein Tlas beda jispjegalhom l-istorja li kif żvolġiet, inkluż bil-partikolari li fil-għodu kien hemm seduta fil-Qorti. Iżda f'dan il-mument Najoud Mohamed Tlas bdiet issir isterika, bdiet titfa' jdejha ma wiċċ il-Pulizija u qisha riedet toħroġ. PS 691 jaqbel f'din il-verżjoni u jgħid li mument minnhom it-tlieta li huma riedu jerġgħu joħorġu barra r-residenza – u dan wara li

s-sitwazzjoni kienet ġiet taħt kontroll. Biss jidher li f'dak il-mument il-korla tal-imputati kienet diretta lejn dak li kien qed jiġri barra mir-residenza u mhux daqstant dwar dak li kien qiegħed isir mill-Pulizija fir-residenza. L-ewwel li ppruvat toħroġ kienet Najoud Mohamed Tlas, iżda din ġiet miżmuma milli tagħmel dan. Skont PS 691 warajha ipprova joħroġ Husein Tlas, iżda wkoll ġie miżmum milli jagħmel dan.

F'dan l-istadju l-azzjoni tal-Pulizija ma baqgħetx bħal dik li kienet hekk kif huma daħlu fir-residenza ta' Tlas u ċjoe konċentrata fuq analiżi ta' x'wassal għall-ewwel parti tal-inċident. Issa l-Pulizija kienet kostretta tibda teżegwixxi parti essenzjali mir-rwol tagħha ta' gwardjan tal-ordni pubbliku. F'dan l-istadju issa l-Pulizija kienet kostretta li tibda tieħu azzjoni pożittiva sabiex iżżomm lill-imputati milli joħorġu barra u jissoktaw f'azzjonijiet li setgħu jissarfu f'aktar ksur ta' Liġi u dan wara li evidentement is-sitwazzjoni kienet reġgħat infjammat ruħha u ddeġenerat ġmielha. Għalkemm il-Qorti tista' tifhem li setgħa kien hemm xi diffikultajiet ta' komunikazzjoni ma Mohamed Tlas u ma Najoud Mohamed Tlas b'mod partikolari, mill-banda l-oħra ma riedx ikun hemm wisq sforz biex wieħed jifhem li l-imġieba tal-Pulizija f'dak il-mument kienet li dawk il-membri tal-familja Tlas ma jitħallewx joħorġu barra.

Skont PS 1444, f'dak il-mument fejn l-imputati kienu qegħdin jittentaw joħorġu, Mohamed Tlas ta skoss biex joħroġ. Mohamed Tlas, minflok għażel li jobdi lil Pulizija li kienu qegħdin jippruvaw ma jħalluhomx joħorġu barra, għażel li jagħti s-salt fuq PS 691 Mula billi taħ daqqa ta' ponn fuq sidru. Mohamed Tlas prova jagħti aktar daqqiet fuq sider PS 691 iżda dan prova jwaqqfu. Skont ix-xiehda ta' PC 1472 Brian Grech, Mohamed Tlas "hebb" u "tar" għal fuq is-Surġent Mula. F'dan il-ħin is-Surġent Mula talab lil PC 1472 biex imur jgħinu.

Kien issa li PS 691 u PC 1472 ipproċedew biex jippruvaw jarrestaw lil Mohamed Tlas, iżda dan minflok trażżan, kompla jsir aktar aggressiv u jissara mal-Pulizija tant li sabbat lil Pulizija mas-sottospecchio. Biex il-Pulizija rażżnu u eventwalment arrestaw lil Mohamed Tlas, kellu jintervjeni wkoll Pulizija ieħor meta Mohamed Tlas inħareġ barra mir-residenza. Fil-fatt anke PC 817 Gerry D'Amato kellu jintervjeni biex din is-sitwazzjoni tiġi kkontrollata – u dan wara li PS 691 u PS 1444 kienu diġa ippruvaw jikkontrollaw lil Mohamed Tlas. Skont ix-xiehda ta' PC 817, f'dan il-mument, Husein Tlas ukoll aġita ruħu u beda jxejjer idejh lejn il-Pulizija tant li laqat lil PC 817 b'mod li tajjarlu n-nuċċali tax-xemx u dan spiċċa mal-art. Skont PC 817 it-tixjir tal-idejn ta Husein Tlas kien direzzjonat lejn rasu tant li laqtu fuq in-nuċċali tax-xemx. Il-Pulizija kellhom ukoll iżommu u jarrestaw lil Husein Tlas li anke jidher li prova jintervjeni favur t'ibnu Mohamed Tlas waqt it-taqbida bejn Mohamed Tlas u l-Pulizija. Biss Husein Tlas beda jerġa jikkalma u jiddeżisti.

L-aggressivita ta' Mohamed Tlas lejn il-Pulizija pero ma ddeżistietx tant li fi kliem PC 817 is-Surġent Mula kien qiegħed "jissara u jitqalleb" ma Mohamed Tlas. Din l-aggressivita kienet baqgħet tippersisti anke sa ma rnexxielhom joħorġuh barra mir-residenza. Filwaqt li Husein Tlas ġie kkalmat u mmanettjat u beda jirraġuna, Mohamed Tlas ma ddeżistiex tant li r-reżistenza tiegħu għall-arrest baqgħet tippersisti anke barra mir-residenza.

F'dan ix-xenarju il-Qorti tqis li l-estremi tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ġie integrat bl-egħmil ta' Mohamed Tlas versu l-Pulizija. L-azzjoni ta' ħebb tiegħu versu l-Pulizija nonche l-azzjoni ta' reżistenza attiva kontra l-Pulizija filwaqt li kienu qegħdin jippruvaw jarrestawh tmur lil hinn minn dawk il-limiti permissibbli sabiex wieħed jippreserva l-istint tal-liberta personali tiegħu. Din il-parti tal-inċident seħħet meta l-Pulizija kienet "filwaqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtoritajiet kompetenti".[1] Kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002 per Prim Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano, hemm differenza bejn is-sitwazzjoni fejn ir-reat :

ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz

[1] Ara ***Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-26 ta' Mejju 2016 per Imħallef Edwina Grima.

> pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is- servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Il-fatt li skont l-imputati din ir-reazzjoni kienet waħda imnissla minn biża bil-mod kif kienu jġibu ruħhom il-Pulizija fis-Sirja, minn fejn Mohamed Tlas u ommu Najoud Mohamed Tlas kienu għadhom kif ġejjin ftit żmien qabel ma jinnewtralizzax il-fatt kommess minnu. L-ordnijiet tal-Pulizija Maltija kellhom, u għandhom jiġu obduti u rrispettati u l-Pulizija mhumiex qegħdin hemmhekk biex jiġu msawta minn nies jew biex jiġu offiżi fuq il-persuna tagħhom fil-waqt li jkunu qegħdin jaqdu dmirhom.

***Ikkunsidrat : -***

Illi fir-rigward tal-aġir ta' Husein Tlas, l-imġieba tiegħu versu l-Pulizija preżenti, għalkemm iddeġenerat ukoll, ma kienetx daqshekk gravi daqs dik murija minn ibnu Mohamed. Jirriżulta wkoll li f'mument minnhom Husein Tlas ipprova li jintervjeni favur t'ibnu waqt li dan kien qiegħed jiġi mrażżan mill-Pulizija. Għalkemm wieħed jista' jifhem l-istint ta' missier li jara lil ibnu jiġi mrażżan mill-Pulizija, il-Qorti ma tistax tikkondona l-aġir li l-

Pulizija, fil-qadi ta' dmirijiethom jiġu mfixkla jew ostakolati.

Fil-fehma tal-Qorti l-intervent ta' Husein Tlas biex ibnu ma jiġix imrażżan mill-Pulizija, magħqud mal-kumplament tal-imġieba tiegħu fil-konfront tal-Pulizija bħal fatt li Husein Tlas beda jgħolli leħnu u jxejjer idu fid-direzzjoni ta' PC817 biex spiċċa tajjarlu n-nuċċali tax-xemx minn fuq rasu, għandha titqies bħala azzjoni li biha Husein Tlas wera ħsieb li kontra l-liġi jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuq Aġent tal-Pulizija fl-eżekuzzjoni tas-servizz tiegħu. Dan jintegra r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali nonche dak imsemmi fil-ħdax imputazzjoni ċjoe ħsara involontarja fuq ħwejjeġ ħaddieħor.

***Ikkunsidrat : -***

L-imġieba ta' Najoud Mohamed Tlas, għalkemm kienet dik li fil-bidu tat-tieni parti tal-inċident kkreat tant konfużjoni, ma kienetx tali tikkwalifikaha għar-reati ipotizzati fl-ewwel, it-tieni imputazzjoni, għalkemm l-imġieba tagħha integra l-kontravvenzjonijiet imsemmija fl-għaxar u l-ħdax il-imputazzjoni.

*Decide :-*

1. Kwantu għal **Najoud Mohamed Tlas**, il-Qorti ssibha mhux ħatja tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberaha minn kull ħtija u piena filwaqt li ssibha ħatja tal-għaxar u ħdax il-imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 17(d) u 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta **tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien xahar millum** u dan wara li wissietha bil-konsegwenzi jekk fi żmien xahar millum tikkommetti reat ieħor u ċjoe li tkun tista' tingħata s-sentenza għar-reati oriġinali.

2. Kwantu għal **Husein Tlas**, il-Qorti qegħda ssibu mhux ħati tal-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibu ħati tat-tieni, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tminn, id-disa', l-għaxar, u l-ħdax il-imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d)(h), 95, 214 u 221(1), 328(d), 338(dd)(ee), 339(1)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għall-piena ta' **erba' xhur priġunerija**. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u **tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk fi żmien sena mid-data ta' din is-sentenza** l-imputat

jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Il-Qorti fehmet lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre il-Qorti tikkundanna lil Husein Tlas iħallas **multa ta' tminn mitt euro (€800)**. Inoltre rat l-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lil Husein Tlas sabiex fi żmien sitt xhur iħallas lil PC817 Gerry D'Amato s-somma ta' mija u tlietin euro (€130) rappreżentanti l-valur tan-nuċċali tax-xemx imkisser.

3. Kwantu għal **Mohamed Tlas**, il-Qorti ssibu mhux ħati tal-ħames imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull ħtija u piena; filwaqt li ssibu ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba, tas-sitt, tas-seba' tat-tminn, tal-għaxar u tal-ħdax il-imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 17(b)(d)(h), 95, 96, 214 u 221(1), 222(1)(c), 338(dd)(ee) u 339(1)(b)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah għall-piena ta' **sena priġunerija**. Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u **tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ għajr ħlief jekk fi żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza** l-imputat jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Il-Qorti fehmet lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu u l-konsegwenzi li jitnisslu fil-każ li huwa jikkommetti tali reat ieħor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża u dan ai

termini tal-Artikoli 28A(4) u 28B tal-Kodiċi Kriminali. Inoltre il-Qorti tikkundanna lil Mohamed Tlas iħallas **multa ta' erbat elef euro (€4000).**

4. Inoltre wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati kollha u favur ta' Demis Darmanin u tal-familjari kollha tiegħu u dan għal perjodu ta' sena millum.

***Mogħtija illum it-12 ta' Diċembru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***